

# Teżor moħbi



Minn Comm. Salvator Mousù

Jekk forsi hawn min isib oġġezzjoni għal xi isem jew ismijiet tat-toroq tagħna żgur li l-Ġwannizi kollha jaqblu li l-isem ta' Triq Feliċ Borg hu dak li l-iktar jixraq. Dan huwa għar-raġuni li dan l-imbierek Feliċ Borg mhux biss kien filantropu prim, talli, kif iddefinieh il-mibki Patri Donat, kien "l-awtur" tal-knisja tagħna.

Ġużeppi, missieru, fi żmien l-Imsieraħ l-ikbar xewqa tiegħu kienet dik li jibni knisja hawnhekk imma laħaq miet. Ibnu Feliċ mhux talli segwa x-xewqat ta' Ġużeppi talli wettaq sal-kompiment tagħha l-ħolma ta' missieru.

Il-ħolma/xewqa tagħhom, it-tnejn devoti kbar tad-Duluri, kienu xtaqu li l-knisja tkun iddedikata lill-Madonna tad-Duluri u Feliċ kien diġà ħaseb għall-istatwa tagħha. Iżda kien ġie deċiż li l-Kappuċċini, bħala l-aqwa protagonisti tal-Immakulata ta' Lourdes, li l-knisja ġdida u l-abitanti ta' San Ġwann ikunu taħt il-protezzjoni tagħha.

Min-naħa l-oħra huma kienu għarfu x-xewqat ta' Feliċ u ddedikaw il-kappellun tax-xellug lill-Madonna tad-Duluri u infatti din kienet l-ewwel parti li tlestiet tal-knisja.

Il-kappillan ta' dik il-ħabta, Patri Leopoldu, l-infatwat wara San Ġużepp, kien infatwat ukoll wara d-Duluri u apprezza ferm ix-xewqat u ħsibijiet ta' Feliċ u ried juri r-rikonoxximent tiegħu lejh billi jkompli jarrikkixxi u jsebbaħ dal-kappellun permezz ta' opra devozzjonali viżwali u tanġibbli jiġifieri billi jakkwista is-sett komplet ta':

VIA MATRIS

## X'kienet din?

Kif tistgħu tosservaw l-espressjoni tixbah lil dik ta' "Via Crucis" (i.e. il-Via Sacra) u infatti aktarx li din tal-aħħar nebbħet u stimulat il-ħolqien ta' devozzjoni simili imma lejn il-Madonna. Issa, hekk kif l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sacra jikkonċernaw kollha lil Kristu fit-tbatija estrema tiegħu dawk tal "Via Matris" jikkonċernaw lill-Madonna fit-tbatija, ossija fid-dulur, tagħha. Għaldaqstant il-"Via Crucis" i.e. it-Triq tas-Salib u l-"Via Matris" i.e. it-Triq tal-Omm, huma intimament relatati ma' xulxin minħabba fir-relazzjoni divina tal-Omm ma' Binha.

Mhux ċar meta din il-"Via Matris" inħolqot u aktarx li din bdiet tifforma ruħha mal-bidu tas-seklu tlettax meta is-"Serviti", Ordni Religjuz bl-isem ta' "Is-Servi ta' Maria" (*Ordinis Servorum Mariae*) stabilixxa ruhhu fl-1233. Dan kien holoq speċi ta' Rużarju kompost minn seba' posti b'seba' żibġiet kull posta marbutin ma' forma ta' "Via Sacra" (jew 'Via Crucis') għall-Madonna fid-dulur tagħha u appuntu semmewha "Via Matris" jiġifieri kif għidt "It-Triq tal-Omm".

Ir-raġuni tal-għażla tan-numru sebgħa hi ovvja li, barra mis-sagralità ta' dan-numru, kien

diġà mifhum sa minn żmien tant imbiegħed, li sebgħa kienu l-weġgħat tal-qalb tal-Madonna li kienu:



*Meta Xmun ħabbar li sejf kellu jinfed qalb il-Madonna*



*Il-ħarba lejn l-Eġittu*



*It-telfien ta' Ġesù tfajjel*



*Il-laqgħa ma' Ġesù fi triqtu għall-Kalvarju*



*Il-waqfien tagħha taħt Kristu Msallab*



*It-tħaddin ta' Kristu mejjet f'ħoġorha*



*Id-difna ta' Ġesù*

Fis-sena 1669 dan l-Ordni tas-Serviti kellhom l-approvazzjoni tal-Knisja għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tad-Duluri (la hi 'festa' u lanqas 'celebrazzjoni' biex niftehmu). Din il-kommemorazzjoni kienet ġiet estiża fis-sena 1814 għall-Knisja Universali. Fl-1913, imbagħad il-Papa Piju X ried li tkun 'iċċelebrata' ġimgħa fuq it-tmienja ta' Settembru (it-twelid tal-Madonna) u allura fil-15 ta' Settembru ta' kull sena. Qed insemmi dawn id-dati għax kif taraw dawn huma kommemorazzjonijiet ta' "Mater Dolorosa" li huma marbutin naturalment mas-seba' duluri ta'din il "Via Matris".

* * * * *

Issa naqbżu għal żmienna u nġeddu l-memorja ta' dawk it-tnejn "kbar" tal-knisja tagħna jiġifieri l-mibki Patri

Leopoldo Tabone u Feliċ Borg, devotissimi ta' Ommna Maria Santissima Addolorata. Kif għidt fil-bidu Patri Leopoldo ried juri l-apprezzament tiegħu lejn Feliċ Borg billi jakkwista (għalih ukoll) il-Via Matris għall-kappellun tiegħu u Feliċ Borg, nimmaginaw ferħan se jtir għal darba oħra wera l-ġenerożità tiegħu billi daħal għall-ispejjeż tagħha. Din ġiet ordnata miċ-ċelebri ditta Moroder tas-sbejħa Ortisei fl-Italja, ditta li jaħdmu ġmiel ta' skulturi fl-injam magħrufin mad-dinja kollha. Meta din tlestiet u ġiet Malta, Patri Leopoldo kien qalli li kellu battikata inkwetanti mad-Dwana ta' Malta biex jirtiraha imma fl-aħħar kien irnexxielu jġibha hawn. Meta ġiet m'hemmx għalfejn ngħidu, iddendlet fil-kappellun tad-Duluri u baqgħet hemm sa madwar għoxrin sena ilu meta kellha titwarrab minħabba fl-invjar tal-ħitan tal-kappella, u tal-knisja kollha.

Minn dakinhar, sa xi sena ilu, din il "Via Matris" kienet qisha għosfrot imma grazzi għall-interess ta' xi wħud din kienet instabet, fi stat daqsxejn deplorevoli; imma grazzi wkoll lil dawk li naddfuha u rrestawrawha b'mod ammirevoli u qegħduha llum fl-i*store* ta' wara s-sagristija miżmuma b'kura imma mistura. Għaldaqstant jenħtieġ li din ma tibqax hemm kważi moħbija għas-sempliċi raġuni li barra mill-valur intrinsiku tagħha għandha wkoll valur storiku u fuq kollox valur ta' rikonoxximent lil żewġ protagonisti ewlenin li ħadmu tant biex il-knisja tagħna tkun dik li hi llum.

Jenħtieġ li nsibulha post xieraq, mhux biss biex napprezzawha imma bħala monument lill-kbir benefattur Feliċ Borg. Feliċ kien tbissmilna meta semmejna triq għalih u għamilnilu lapida kommemorattiva, iżda, inħoss jien, li jitbissmilna wisq aktar bil-qalb minn fejn hu jekk nerġgħu b'xi mod jew x'imkien nesibixxu permanentement din il-"Via Matris" li kienet tant għal qalbu!

**J. Colombo**

**Għal ġarr ta' materjal**
**bil-Hi-Up**
**u kiri ta' għodda**
**bħal kompressur dumper,**
**mixer, vibrator, generator,**
**jigger eċċ**

**Mob: 9982 3204**